# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 26 ta' Novembru, 2020.**

**Numru 7**

**Rikors numru 283/14 AL**

**Jean Pierre Gatt**

**v.**

**Sarah Gatt**

**Il-Qorti:**

1. L-attur Jean Pierre Grech appella mis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tal-5 ta' Diċembru 2018 li ddikjarat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

2. Il-proċeduri fil-prim'istanza żvolġew kif ġej:

**2.1.** Permezz ta' rikors maħluf ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-12 ta' Diċembru 2014, l-attur illum appellant ippremetta li hu u l-konvenuta żżewwġu fil-21 ta' Settembru 2002 u li l-kontendenti huma l-ġenituri ta' NLG imwieled fis-27 ta' Settembru 1999. Iddikjara li l-ħajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli minħabba f'inkompatibilita` ta' karattru, kif ukoll minħabba sevizzji, theddid u inġurji gravi da parti tal-konvenuta u li rikonċiljazzjoni bejniethom mhijiex possibbli. Wara li ppremetta li kien ġie awtorizzat jintavola dawn il-proċeduri permezz ta' digriet mogħti mill-istess Qorti fil-15 ta' Ottubru 2014, talab illi:

*'1. Tiġi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjuġi għar-ragunijiet premessi imputabbli lill-intimata ta' serviġi, theddid u inġurja gravi kontra l-esponenti;*

*"2. Tordna illi r-rikorrenti ikollu l-kura u l-kustodja ta' iben il-kontendenti, il-minuri Nicholas Lee Gatt;*

*"3. Tiddikjara li l-intimata iddekadiet minn kull jedd għall-manteniment tagħha skont il-ligi;*

*"4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oġġetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet li jiġu assenjati lill-kontendenti, liema porzjonijiet għandhom jiġu komposti billi tiġi stabbilita data bħala d-data meta l-intimata tiġi ikkonsidrata li tkun ħatja tal-firda b'tali mod li hi titlef kull jedd għal kull akwist magħmul bil-ħila tal-esponenti skond il-liġi, u dan okkorrendo b'opera ta' perit nominandi sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi jiġi nominat nutar sabiex jirċievi l-att relattiv, kif ukoll kuratur biex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;*

*"5. Tapplika kontra l-intimata interament jew in parti d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta);*

*"6. Teżenta lill-esponenti milli jkun responsabbli għal dejn li l-intimata għandha jew jista` jkollha;*

*"Bl-ispejjeż kontra l-intimata li hija minn issa inġunta għas-subizzjoni.'*

**2.2.** Il-konvenuta wieġbet illi taqbel li hemm raġunijiet għas-separazzjoni bejn il-konjuġi Gatt imma għar-raġunijiet imputabbli lir-rikorrent żewġha u dan peress li rrenda ruħu ħati ta' sevizzji, minaċċi, inġurji gravi u theddid. Opponiet għat-tieni talba stante li l-minuri dejjem trabba ma' ommu, u filwaqt li ddikjarat li ma taqbilx mar-raba' talba, opponiet ukoll għat-tielet, għall-ħames u għas-sitt talba.

**2.3.** B'sentenza tal-5 ta' Diċembru 2018, l-ewwel Qorti ddeċidiet b'dan il-mod:

*'[1] Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u tippronunzja s-separazzjoni personali tal-partijiet bi ħtijiet imputabbli esklussivament lill-konvenuta;*

*"[2] Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba tal-attur;*

*"[3] Tilqa' t-tielet talba tal-attur u konsegwentement tiddikjara illi l-intimata ddekadiet minn kull jedd li titlob u/jew li tirċievi manteniment mingħand l-attur;*

*"[4] Tilqa' r-raba' talba attriċi u filwaqt illi tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet, tordna illi kwalsijasi dejn ikkontrattat mill-partijiet flimkien jew separatament, kif ukoll ikkuntrattat minn Phonic Limited C-35863 iżda mħallas unikament minn xi wieħed mill-partijiet jew garantit minn xi ħadd mill-partijiet, bejn il-21 ta' Settembru 2002, u cioe id-data taż-żwieġ tagħhom, sal-preżenti, ikun ir-responsabilita` taż-żewġ partijiet b'mod ugwali.*

*"[5] Tilqa' l-ħames talba tal-attur u konsegwentement tapplika kontra l-intimata l-effetti kollha tal-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*"[6] Tiċħad is-sitt talba tal-attur;*

*"Bl-ispejjeż ikunu sopportati esklussivament mill-konvenuta.'*

3. L-attur appella mis-sentenza. Jiddikjara ruħu aggravat minnha peress li minkejja l-ewwel Qorti laqgħet l-ewwel ħames talbiet tiegħu billi ppronunzjat is-separazzjoni personali tal-partijiet, tat il-ħtija esklussivament lill-konvenuta, iddikjarat li l-konvenuta ddekadiet minn kull jedd li titlob jew tirċievi manteniment mingħand l-attur, xoljiet il-komunjoni tal-akkwisti u applikat kontra l-konvenuta l-effetti kollha tal-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-istess ħin:-

(i) ordnat illi kwalsiasi dejn ikkontrattat mill-partijiet flimkien jew separatament, kif ukoll ikkuntrattat minn Phonic Limited (C-35863) iżda mħallas unikament minn xi wieħed mill-partijiet jew garantit minn xi ħadd mill-partijiet, ikun ir-responsabilita` taż-żewġ partijiet b'mod ugwali; u

(ii) ċaħdet is-sitt talba tiegħu sabiex jiġi eżentat milli jkun responsabbli għal dejn li l-konvenuta għandha jew jista' jkollha.

4. L-appellant indirizza dawn iż-żewġ aggravji flimkien peress li huma inter-konnessi u jinċidu fuq xulxin. In sinteżi argumenta li l-ewwel Qorti ma qisitx biżżejjed il-fatti kollha u/jew il-kronoloġija ta' kif seħħew ċertu fatti. Jikkontendi li kieku dawn ingħataw piż biżżejjed kellhom iwasslu għad-deċiżjoni li huwa ma kellux jiġi meqjus bħala l-bniedem li kkuntratta d-djun għaliex tali djun għamlithom unikament l-appellata

mingħajr il-konsapevolezza jew il-kunsens tiegħu. Jgħid inoltre li tali djun ma sarux a benefiċċju tal-komunjoni tal-akkwisti b'dan illi, a tenur tal-Artikolu 1329 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta), huwa qatt ma kellu jiġi ordnat jagħmel tajjeb għalihom peress li d-dejn maħluq bis-self kellu jitħallas fl-ewwel lok mill-beni parafernali tal-konvenuta bħala l-konjuġi li kkuntrattat id-dejn, u biss *in subsidium,* kontra l-beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti limitatament sal-valur li dik il-parti jkollha mill-komunjoni tal-akkwisti. Talab għalhekk lil din il-Qorti:

> *'tvarja s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza fil-parti rigwardanti l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-ħames deċide, tgħaddi biex (i) tirriforma s-sentenza f'dik il-parti tar-raba' deċide fejn ġie ordnat li kwalsiasi dejn ikkontrattat mill-partijiet flimkien jew separatament, kif ukoll ikkuntrattat minn Phonic Limited (C-35863) iżda mħallas unikament minn xi wieħed mill-partijiet jew garantit xi ħadd mill-partijiet, bejn id-data taż-żwieġ tagħhom, sal-preżenti, ikun responsabilita` taż-żewġ partijiet b'mod ugwali u minflok tordna li kwalsiasi dejn ikkontrattat minn waħda mill-partijiet għandha tagħmel għalih dik il-parti; u kif ukoll (ii) tirriforma dik il-parti tas-sentenza fejn ċaħdet is-sitt talba u minflok tilqa' s-sitt talba, u għalhekk tgħaddi biex tilqa' l-aggravji tal-Attur Appellant.*
>
> *"Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-Konvenuta Appellata.'*

5. L-appellata rrispondiet illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita li tiġi konfermata. Wieġbet li s-soċjeta` Phonic Limited inxtrat fiż-żwieġ tal-partijiet u l-partijiet ppparteċipaw fis-sħiħ fl-attivita` kummerċjali ta' l-istess soċjeta` u d-dħul tal-partijiet mis-soċjeta` Phonic Limited sar parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Tgħid li bħala konsegwenza ta' dan, id-dejn li assumew il-partijiet u ħallsu personalment għas-soċjeta` msemmija wkoll jifforma parti mill-istess komunjoni tal-akkwisti. Tgħid li

fil-fatt, permezz ta' sentenza tat-30 ta' Lulju 2012 fl-ismijiet ***Bank of Valletta plc v. Phonic Limited et*** (Citaż Nru 890/2010) il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kkundannat lill-partijiet sabiex iħallsu l-bank €58,234 fuq self li s-soċjeta` kienet ħadet mill-Bank. Tinsisti li l-appellant kien jaf bid-dejn u ma ħa l-ebda azzjoni.

6. Il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti kienu s-segwenti:-

> *'Fl-ewwel lok, bis-saħħa tal-preżenti, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet konjuġi Gatt. B'hekk, mill-preżenti, kull akkwist li tagħmel xi parti jkun jappartjeni esklussivament lilha, u kull debitu kkontrattat minn xi parti ikun ir-responabilita`esklussiva ta' dik il-parti.*
>
> *"Illi ladarba l-istess komunjoni baqgħet viġenti sal-preżenti, hija fehma tal-Qorti illi d-dejn kollu kkontrattat jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti. Dak kollu li l-partijiet jallegaw li ħallsu mill-introjtu esklussiv tagħhom, effettivament tħallas mill-komunjoni tal-akkwisti għaliex, l-introjtu ta' kull wieħed mill-partijiet sal-lum għadu jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. B'hekk, kull pretensjoni tal-partijiet li ħallsu xi debitu minn introjtu esklussivament tagħhom tirriżulta infondata.*
>
> *"Inoltre, jirriżulta wkoll illi l-attur kellu kreditu parafernali għall-pagamenti li għamel fuq il-garage tal-Ħamrun qabel iż-żwieġ, liema garage ġie akkwistat fiż-żwieġ. Illi huwa ma ressaq ebda prova sabiex il-Qorti tkun tista' tillikwida l-quantum tal-istess kreditu parafernali.*
>
> *"Il-Qorti tirrileva wkoll illi l-ishma fis-soċjeta` Phonic Limited ġew akkwistati mill-attur fit-8 ta' Ġunju 2007, u cioe fiż-żwieġ. B'hekk id-dejn kollu li jaggrava lill-istess kumpanija u li huwa garantit minn xi ħadd mill-partijiet personalment, huwa garantit solidalment miż-żewġ partijiet. M'hemmx dubju li t-tnejn kienu ugwalment involuti fil-kumpanija u l-Qorti ma temminx listqarrija tal-konvenuta li tgħid li qatt ma ffirmat biex tkun is-segretarja tal-kumpanija. Id-dokument esebit fol. 485, redatt minn professjonista, jikkontradixxi dan.*
>
> *"Mhuwiex faċli illi l-Qorti tistabilixxi kemm baqa' dejn fil-komunjoni tal-akkwisti u kemm minnu tħallas, biex tassenja d-dejn bejn il-partijiet individwalment bl-eskluzjoni tal-parti l-oħra. Illi b'hekk, il-Qorti qiegħda tordna illi kwalsijasi dejn ikkontrattat mill-partijiet flimkien jew separatament, kif ukoll ikkuntrattat minn Phonic Limited iżda mħallas unikament minn xi wieħed mill-partijiet jew garantit minn xi ħadd mill-*

*<u>partijiet, bejn il-21 ta' Settembru 2002, u cioe iddata taż-żwieġ tagħhom, sal-preżenti, ikun ir-responsabilita` taż-żewġ partijiet b'mod ugwali</u>. Illi jekk xi parti tkun kostretta tħallas weħidha is-sehem tad-dejn tal-parti l-oħra, hija jkollha l-jedd li titlob ir-rifużjoni ta' dak is-sehem.*

*"Dwar l-iskrittura ta' bejn il-partijiet esebita fol. 563, din l-iskrittura m'għandha l-ebda valur fil-liġi in vista li hija skrittura bejn miżżewġin li ma ġietx approvata b'digriet tal-Qorti kompetenti. Inoltre, anke kieku kienet valida, l-iskrittura tgħid biss illi l-attur talab is-somma ta' €640,000 lill-konvenuta, lmkien ma tgħid illi l-konvenuta aċċettat illi tħallashom.'*

<u>Konsiderazzjonijiet</u>.

7. Din il-Qorti pprovat teżamina l-fatti tal-każ mill-aspett kronoloġiku. Eżerċizzju diffiċli tentut kont tal-fatt li l-partijiet ma jaqblux bejniethom u l-provi l-oħra lanqas ma jikkoraboraw kompletament xi verżjoni jew oħra. Dak li jista' jinsilet mill-atti u li huwa ta' rilevanza għall-appell hu:

**7.1.** Il-partijiet iltaqgħu meta kellhom 16 u 14-il sena rispettivament. Fis-27 ta' Settembru 1999 kellhom tifel, Nicholas Lee, u fil-21 ta' Settembru 2002 iżżewġu u marru jgħixu flimkien mal-ġenituri tal-appellata ġewwa Santa Venera. Dak iż-żmien it-tnejn kellhom impieg u kienu jikkontribwixxu għall-ispejjeż familjari;

**7.2.** Qabel iż-żwieġ l-appellant għamel konvenju fuq *garage* ġebel u saqaf ġewwa l-Hamrun għall-prezz ta' Lm7,500. Nefaq xi

Lm500 oħra għal *finishes.* Il-kuntratt tal-garage sar imbagħad fiż-żwieġ.[1] Xtara wkoll Volkswagen Polo;[2]

**7.3.** Skont l-appellata xi tlett snin wara ż-żwieġ, allura fl-2005, hija u l-attur ma setgħux jgħixu aktar flimkien u l-attur mar jgħix għand il-ġenituri tiegħu. Verżjoni inverosimili għall-aħħar stante li: (i) il-partijiet bdew attivita` kummerċjali flimkien lejn l-aħħar tal-2006 bidu tal-2007;[3] (ii) l-appellata ħasset il-ħtieġa tagħmel test tad-DNA lil bintha J imwielda f'Settembru tal-2007. Probabbilment li kieku l-partijiet verament infirdu *de facto* mis-sena 2005, ma kienx ikun hemm ħtieġa għal dak it-test; (iii) omm l-attur qagħdet parrina fil-magħmudija tat-tifla J; u (iv) Brian Borg, il-missier bioloġiku tat-tifla J, ikkonferma li l-appellata kienet tgħidlu bil-problemi li kellha mal-appellant meta Borg kien jieħu l-merkanzija fil-ħanut li l-partijiet kellhom fi Gwardamangia;[4]

**7.4.** Jidher li l-partijiet bdew attivita` kummerċjali flimkien lejn l-aħħar tal-2006 bidu tal-2007.[5] L-appellant jgħid li tramite` ċertu Brian Borg, persuna li kienet taf l-appellata, bdew jissupplixxu *mobile phones* lil ċertu Emanuel Bartolo. Skont l-appellant l-ewwel negozju li kien sar kien għall-ammont ta' Lm23,000 *cash* u kollox mar sew. Emanuel

---

[1] Fol. 500.
[2] Fol. 580.
[3] Fix-xhieda tiegħu, l-appellant jgħid li l-attività kummerċjali bdiet meta t-tifel kellu 7/8 snin, vide fol. 501 paragrafu nru. 9.
[4] Fol. 595.
[5] Fix-xhieda tiegħu, l-appellant jgħid li l-attività kummerċjali bdiet meta t-tifel kellu 7/8 snin, vide fol. 501 paragrafu nru. 9

Bartolo kien għalhekk għaddielhom somma oħra ta' Lm15,000 f'kontanti għall-konsenja oħra ta' *mobile phones.* L-appellant isostni li huwa ta dik is-somma lill-appellata li kellha tagħtiha lil Brian Borg sabiex iġib il-*mobiles* mill-Italja, pero` l-ordni qatt ma waslet;[6]

**7.5.** Jirriżulta li fl-istess żmien, l-appellata ntraprendiet relazzjoni extra maritali mal-imsemmi Brian Borg. Dan isegwi mill-fatt li l-minuri JB, bint l-appellata u l-imsemmi Brian Borg, twieldet fit-12 ta' Settembru 2007 b'dan illi l-konvenuta appellata kienet diġa` f'relazzjoni intima ma' Borg lejn Diċembru tal-2006. Ix-xhieda in kontro eżami tal-appellata, fis-sens illi bdiet ir-relazzjoni tagħha ma' Brian Borg wara li ngħalaq il-ħanut li l-partijiet f'din il-kawża kellhom fi Gwardamangia, ossija xi sena u nofs wara li nfetaħ,[7] tirriżulta għalhekk għal kollox inveritjiera u fattwalment impossibbli;

**7.6.** Sa frattant, Emanuel Bartolo kien qed jiġri wara l-appellant għas-somma ta' Lm15,000 li huwa kien taħ għal merkanzija li baqgħet ma ġietx konsenjata;[8]

**7.7.** Sabiex l-attivita` kummerċjali tal-partijiet titmexxa taħt il-kappa ta' kumpanija bil-possibilita` li tikseb finanzjament mill-banek,

[6] Fol. 501.
[7] Fol. 621.
[8] Fol. 501.

fid-29 ta' Mejju 2007 l-appellant sar direttur ta' kumpanija bl-isem '*Sunflower Marketing Ltd'* filwaqt li fl-istess data Brian Borg inħatar segretarju u ngħata wkoll il-fakolta` li jirrappreżenta l-kumpanija f'kwistjonijiet legali u ġudizzjarji.[9] Fit-8 ta' Ġunju 2007 l-appellant akkwista f'ismu l-ishma kollha tal-istess kumpanija[10] li bidlet isimha għal '*Phonic Ltd'* l-għada;[11]

**7.8.** L-appellant xehed li sabiex ingħata self mill-bank, kienu krew ħanut f'Gwardamangia minfejn kellha tibda topera Phonic Ltd.[12] L-appellata tgħid li hija kienet tkun fil-ħanut matul il-ġurnata u tieħu ħsieb kollox. L-appellant kien imur il-ħanut filgħaxija għaliex kellu impieg *full-time* matul il-ġurnata;[13]

**7.9.** Fit-12 ta' Settembru 2007 l-appellata welldet tifla li semmiet J;[14]

**7.10.** Fit-23 ta' Ottubru 2007 l-appellata nħatret segretarja ta' Phonic Ltd minflok Brian Borg;[15]

---

[9] Fol. 492.
[10] Fol. 491.
[11] Fol. 486.
[12] Fol. 502.
[13] Fol. 621.
[14] Dan jikkontrasta max-xhieda in kontro-eżami tal-appellata li tgħid li ħarġet tqila bit-tifla wara li ngħalaq il-ħanut, fol. 622.
[15] Fol. 485.

**7.11.** F'Novembru tal-2007 Phonic Ltd ingħatat self mill-Bank of Valletta. Ftit wara, is-somma ta' Lm15,000 ġiet miġbuda mill-*Business Loan account* ta' Phonic Limited.[16] L-appellant jgħid li din is-somma għaddiha lil Emanuel Bartolo. Jirriżulta inoltre li Phonic Ltd ingħatat *Bank overdraft* ta' Lm10,000 biex tmexxi l-ħanut f'Gwardamangia iżda dan kien biss possibbli għaliex il-ġenituri tal-appellant ipotekaw id-dar tagħhom.[17] Dan isib konferma fis-sentenza **Bank of Valletta plc v. Phonic Limited et** tat-30 ta' Lulju 2012 (ara fol. 544 *et seq*);

**7.12.** Din il-Qorti temmen li sa dan iż-żmien, l-attur ma kienx jaf bir-relazzjoni li l-konvenuta kellha ma' Brian Borg. L-appellat xehed illi xi ġimgħa jew tnejn wara li tgħammdet it-tifla J, l-appellata u Borg marru l-ħanut u qalulu li ma kienx il-missier.[18] Qalulu wkoll li aċċertaw ruħhom mill-paternita` tat-tifla billi għamlu test tad-DNA. Huwa ssepara *de facto* minn mal-appellata malli sar jaf b'dan;[19]

**7.13.** L-appellant jgħid li l-*business* kien għaddej tajjeb tant li l-appellata telqet mix-xogħol sabiex toqgħod ġol-ħanut ta' Gwardamangia. Din tal-aħħar ipproponiet li jġibu *container* mill-Italia bil-*mobiles* u *televisions* tramite` Brian Borg u għal dan il-għan ingħataw self ta' Lm20,000 mingħand il-ġenituri tal-attur. Iżda x-xogħol

[16] Fol. 367.
[17] Fol. 502.
[18] Brian Borg intavola proċeduri ta' filjazzjoni fir-rigward tal-imsemmija wild fid-9 ta' Ottubru 2008 (Każ 395/2008 NC deċiż fit-12 ta' Mejju 2009 u li għalih saret referenza a fol. 433 tal-proċess).
[19] Fol. 502.

baqa' ma wasalx.[20] L-appellant jgħid li dan kollu ġara qabel ma twieldet J. Iżda din il-verżjoni tikkozza mal-fatt li t-tifla kienet diġa` twieldet qabel ma ħareġ is-self mill-Bank li ppermetta l-kumpanijja tibda topera;

**7.14.** Min-naħa tagħha l-appellata tiċħad li l-ġenituri tal-appellant tawhom l-allegata somma. Tgħid iżda li kienu ħadu *loan* ta' Lm34,000 għall-merkanzija u li l-appellant beda jara kbir u peress li l-*overdraft* ma serviex issellef fuq l-idejn. Qalet li ma bdewx ilaħħqu mad-dejn u bdew jiżdiedu l-kredituri. Tgħid li kuljum kien imur xi ħadd il-ħanut jitlobha tħallsu kif ukoll kien hemm diversi klijenti li kienu jħallsu deposit fuq merkanzija iżda qatt ma tiġi konsenjata;[21]

**7.15.** Fis-7 ta' Lulju 2008 l-istess appellata assumiet ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja ta' Phonic Ltd minflok Brian Borg;[22]

**7.16.** Skont l-appellant, huwa nduna li l-appellata kienet qed tħawwad bil-flus tal-*loan* u bl-*overdraft* ta' Phonic Ltd fl-2009. Għalhekk kien talabha tiffirma d-dikjarazzjoni a fol. 563 datata 2 ta' Settembru 2009. Ikkonferma li dak iż-żmien kienu diġa` nfirdu u ma kinux jgħixu flimkien.[23] L-appellata min-naħa tagħha tiċħad li qatt iffirmat l-iskrittura;

---

[20] Fol. 502.
[21] Fol. 580.
[22] Fol. 484.
[23] Fol. 506.

**7.17.** L-appellant jgħid li wara li beda joqgħod għand ommu, diversi nies marru jħabbtulu l-bieb jitolbu l-flus. Kien hemm ukoll mandati ta' qbid fuq id-dar ta' ommu peress li l-indirizz tal-kumpanija kien id-dar tal-ġenituri. Jgħid li spiċċa jħallas ħafna mid-dejn hu sabiex ma jinkwetax lill-ġenituri tiegħu[24]:

> '*Sarah Anne bdiet toħroġ ħafna ċekkijiet foloz u anke tiffirma l-firma tiegħi fuq ic-chequebook tiegħi. Sarah Anne bdiet tixtri x-xogħol ma' Brian bil-moħbi tiegħi u jiena ma kont naf xejn xinu jiġri minn wara dahri. F'daqqa waħda kulħadd beda ġej għandi d-dar ta' ommi u missieri biex jitħallas. Naf li Sarah Ann kienet bdiet tissellef mingħand in-nies fuq l-idejn u wieħed mill-kredituri kien fetaħ kawża l-Qorti kontra tiegħi u kontra tagħha iffriżali l-kontijiet tal-bank. Il-Qorti ddeċidiet illi toħodli l-garage tal-Hamrun li jien kien irnexxieli nħallsu kollu u l-flus li kelli l-bank.*'[25]

**7.18.** Effettivament, in atti jinsabu eżebiti kopji ta':

(i) Mandat ta' Qbid eżekuttiv li nħareġ fuq talba ta' Joseph James u Sonja Vella Zarb kontra Sarah Ann Gatt u Phonic Ltd għas-sorte ta' €16,536 apparti imgħax u spejjeż ippreżentati fit-8 ta' Ġunju 2009 u eżegwit fil-11 ta' Ġunju 2009;[26]

(ii) Mandat ta' Qbid eżekuttiv ad istanza ta' Juanafil Consultants Limited kontra Phonic Ltd għas-sorte ta' €796 apparti imgħax u

[24] Fol. 503.
[25] Fol. 503.
[26] Fol. 526.

spejjeż, liema mandat ġie akkordat fl-10 ta' Lulju 2009 u eżegwit fil-15 ta' Lulju 2009;[27]

(iii) Mandat ta' Sekwestru ppreżentat fit-30 ta' April 2010 minn Charles Agius kontra l-partijiet f'din il-kawża in kawtela tas-somma ta' €26,000.[28] Jidher li l-istess sekwestrant eventwalment ipproċeda b'talba għal bejgħ b'subbasta tal-garaxx appartjenenti lill-appellant u offra s-somma ta' €16,800 *animp compensandi*;[29]

(iv) Żewġ ittri uffiċjali datati Mejju 2010, preżentati mill-Bank of Valletta waħda kontra l-ġenituri tal-appellant u l-oħra kontra Phonic Ltd għas-somma ta' €73,583.22 rappreżentanti bilanċ għad-debitu fil-*Loan Accounts.*[30] Dawn ġew effettivament segwiti b'kawża ppreżentata fis-7 ta' Settembru 2010 u deċiża kontra Phonic Limited u l-ġenituri tal-appellant li kienu qagħdu garanti għall-dak id-dejn;[31]

**7.19.** Fil-frattemp kontra l-appellata nbdew proċeduri kriminali dwar frodi u falsifikar ta' ċekkijiet. Minn fol. 43 'il quddiem jirriżulta li filwaqt li għad hemm tliet kumpilazzjonijiet pendenti fil-konfront tagħha, bi tliet sentenzi separati tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datati 15 ta' April 2010, 16 ta' Ottubru 2012 u 14

[27] Fol. 514 et seq.
[28] Fol. 532.
[29] Fol. 539 et seq.
[30] Fol. 535, 536.
[31] Fol. 544.

ta' Novembru 2012, hija nstabet ħatja fuq ammissjoni tagħha stess talli f'Diċembru 2008, Jannar 2009 u Novembru 2009 jew xhur/ġimgħat qabel għamlet qligħ b'qerq a dannu ta' diversi kumpaniji fl-ammont globali ta' €21,311;

**7.20.** L-appellant xehed illi:

> *'Sarah Ann ħadet ukoll il-flus kollha tal-Bankdraft u l-qliegħ kollu tal-ħanut ta' Gwardamangia. Sarah Ann ħadet ukoll l-istock kollu tal-ħanut. Nikkalkula illi kien hemm mall-Lm10,000 valur ta' stock. Kulma sibt jien il-ħanut kien laptop, u l-bqija kienet ġarret kollox hija...*
>
> *"... wara li ma bqajtx ma Sarah, hi u Brian baqgħu iġibu x-xogħol mingħand l-istess kumpanija li kont inbela jiena u għadhom jagħmlu hekk sa llum. Sarah u Brian dejjem ħadmu bil-flus u bl-isem tal-kumpanija Phonic Limited. Saħansitra kienu wkoll użaw il-vat number tiegħi ukoll ...*
>
> *"... jiena kont nipprova nleħħaq mad-dejn li baqgħet tagħmel Sarah Ann, billi nħallas mill-paga tiegħi. Imma mal-Bank jien qatt ma stajt inleħħaq ... niftakar per eżempju illi jiena kont ħallast il-kontijiet tal-mobile tagħha u tal-ħanut, li kienu jammontaw għal madwar €1,500'*[32]

**7.21.** L-appellata xehdet iżda[33] li: (i) mhux minnu li hija ħadet l-*istock* tal-ħanut iżda li ħadu l-appellant; (ii) mhux minnu li ħadet il-flus tal-*overdraft*; (iii) li l-appellant biegħ il-vettura Volkswagen Golf mingħajr ma qalilha; (iv) li kien l-appellant li ġielha tiffirma għalih iċ-ċekkijiet li ma setgħux jissarfu, stante li dawn iċ-ċekkijiet kienu ta' Phonic Ltd u kien hu biss il-firmatarju; (v) u li biex tevita l-ħabs ħallset il-kredituri kollha li kienu:

[32] Fol. 503, 504.
[33] Fol. 580.

- Xala Limted;

- Systec Limited (kopja ta’ transaction history ta’ diversi ħlasijiet fl-ammont komplessiv ta’ €11,557 u bilanċ pendenti *as on 21/10/2016* fl-ammont ta’ €8,905.86 oltre imgħax);[34]

- Dell Limited;

- Karmenu (sid il-kera tal-ħanut);

- Vodafone Ltd (kopja ta’ rċevuta fl-ammont ta’ €400 datata 14/12/09);[35]

- Alfen Display Limited (kopja ta’ rċevuta datata 13 ta’ Marzu 2009 fl-ammont ta’ €1,100);[36]

- Juanafil Consultants Limited (accountant ta’ Phonic Ltd, skont kopja ta’ rċevuta bla data fl-ammont ta’ €300 u tindika li l-ammont ta’ €875 għadu pendenti);[37]

[34] Fol. 586.
[35] Fol. 593.
[36] Fol. 582.
[37] Fol. 590.

- Joseph James Vella;

- Yal Malta (kopja ta' rċevuta datata 16 ta' April 2013 fl-ammont ta' €12,000);[38]

- Intercomp Marketing Limited (kopja ta' ledger sheet *up to* 20/10/2016 li turi pagament fl-ammont globali ta' €9,193.21);[39]

- Ignazio Anastasi Ltd (kopja ta' invoice datata 06/12/2007 fl-ammont €220.99 li fuqha hi stess kitbet '*paid on 7/12/2006*');[40]

- Miller Distributors Limited (kopja ta' żewġ *invoices* fis-somma ta' €665.75 kull waħda datati 13/12/2008 u 14/01/2008 rispettivament);[41]

- Silvio Vella (kopja ta' cash sale fl-ammont ta' €832.74);[42]

- u l-*advertising* kollu tal-ħanut.

---
[38] Fol. 583, 584.
[39] Fol. 585.
[40] Fol. 589.
[41] Fol. 591, 592.
[42] Fol. 594.

**7.22.** Jirriżulta li fil-25 ta' Ottubru 2012, l-appellant ħa f'idejh ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja ta' Phonic Ltd kif ukoll ir-rwol ta' segretarju tal-istess;[43]

**7.23.** L-appellant irċieva *notification of complaint* fuq depożitu fuq żewġ *laptops* li qatt ma kienu kkonsenjati. L-ittra ġġib id-data tas-16 ta' Mejju 2014 u tirreferi għal ordni datata 28 ta' Jannar 2014.[44]

8. Isegwi li ħafna mid-dejn li jissemma mill-partijiet ġie kontrattat matul l-andament tan-negozju li huma kellhom flimkien fiż-żwieġ u li kien jitmexxa taħt il-kappa tas-soċjeta` Phonic Ltd, li għandha personalita` ġuridika distinta u tagħha l-appellant huwa uniku direttur u azzjonist.

9. Jirriżulta wkoll li mill-inqas sa mill-2008, l-appellant sar jaf li l-appellata kienet intraprendiet relazzjoni intima ma' Brian Borg, li mingħandu kienu jixtru l-merkanzija, u li minn din ir-relazzjoni extra maritali twieldet tarbija f'Settembru tal-2007. Fuq ammissjoni tiegħu stess, mill-2009 l-appellant kien jaf ukoll li l-appellata kienet qed tħawwad bil-finanzi ta' Phonic Ltd. Madanakollu qagħad jistenna sal-2014 sabiex jibda l-proċeduri fil-Qorti.

10. L-ewwel Qorti kellha raġun tikkonkludi li:

---

[43] Fol. 478.
[44] Fol. 511.

> *'Mhuwiex faċli illi l-Qorti tistabilixxi kemm baqa' dejn fil-komunjoni tal-akkwisti u kemm minnu tħallas, biex tassenja d-dejn bejn il-partijiet individwalment bl-eskluzjoni tal-parti l-oħra.'*

11. Fil-fatt, lanqas l-appellant innifsu ma jikkontesta tali kostatazzjoni fir-rikors tal-appell tiegħu. Jippretendi iżda li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tordna li kwalsiasi dejn ikkontrattat minn waħda mill-partijiet fiż-żwieġ għandha tagħmel għalih dik il-parti biss u billi teżenta lill-appellant għal dejn li l-appellata għandha jew jista' jkollha, kif mitlub mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu. Fil-qafas tal-appell tiegħu jirreferi speċifikament għas-segwenti:

(i) Lm34,000 *overdraft* għax-xiri ta' merkanzija li l-appellata semmiet fl-affidavit u fil-kontro-eżami tagħha;

(ii) *'ħadet il-flus kollha tal-bankdraft, il-qligħ kollu tal-ħanut ta' Gwardamangia u l-istokk kollu li kien hemm fil-ħanut li jistma li kien jiswa għaxar t'elef lira Maltija (Lm10,000);*

(iii) is-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' ġudikatura kriminali l-appellata ġiet misjuba ħatja ta' frodi – żgur għalhekk li mhux flejjes formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

12. Jirriżulta iżda li:-

(i) ir-rappreżentant tal-Bank of Valletta xehed f'dawn il-proċeduri dwar il-kontijiet bankarji kollha tal-partijiet u tas-soċjeta` Phonic Ltd iżda dwar l-allegat self ta' Lm34,000 ma jirriżulta xejn;

(ii) lanqas l-asserzjoni li l-appellata ħadet il-flus kollha tal-*overdraft, il-qligħ kollu tal-ħanut f'Gwardamangia kif ukoll Lm10,000 stock* m'hi bażata fuq provi konkreti*.* L-*overdraft* in kwistjoni nħareġ fuq kont bankarju ta' Phonic Ltd, kumpanija b'personalita` ġuridika distinta li kellha bħala *sole director* l-appellant. Sal-aħħar ta' Diċembru tal-2007 dan il-kont kellu bilanċ negattiv fl-ammont ta' €7,136.61. Il-Qorti diffiċli temmen li l-appellant ma kien jaf b'xejn. Dwar il-'*qligħ kollu tal-ħanut'* ma saret l-ebda prova. La ġew eżebiti *accounts* u lanqas tħarrek jixhed l-*accountant* tal-kumpanija. Jirriżulta biss mill-atti li s-*self assessment* ippreżentat mis-soċjeta` Phonic Limited għal finijiet ta' Taxxa fuq id-Dħul kien dejjem '0'. Wieħed għalhekk jista' jiddeduċi li jekk il-kumpanija kienet qed tagħmel xi profitt, dan ma kienx f'ammonti kbar.[45] L-istess jingħad dwar l-*istock*. *Dato ma non concesso* li dan verament ittieħed mill-appellata, mkien ma tirriżulta ebda prova konkreta dwar fiex kien jikkonsisti. La ġew preżentati *purchase orders*, la tħarrek l-*accountant* u lanqas ma ġiet eżebita xi forma oħra ta' rendikont tal-merkanzija. Mhuwiex biżżejjed li l-appellant ifajjar il-figuri;

[45] Fol. 572 et seq.

(iii) l-appellata xehdet li hija ħallset id-dejn kollu li kienet taf bih, inkluż id-dejn riżultanti mid-deċiżjonijiet kontriha tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Tgħid li kellha tħallas sabiex ma tingħatax piena karċerarja. L-appellant ma kkontestax dik il-verżjoni u lanqas ma ġab xi prova li tikkontradiċi dak li qalet il-konvenuta.

13. In sostenn tal-aggravju tiegħu l-appellant jirreferi wkoll għall-Artikolu 1329 tal-Kodiċi Ċivili li mal-Artikolu 1328 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi:

*'1328. Kredituri ta' parti partikolari fiż-żwieġ jiġu wara l-kredituri tal-komunjoni tal-akkwisti, kemm-il darba ma jkollhomx raġuni leġittima għal preferenza.*

*"1329. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, il-kredituri ta' parti fiż-żwieġ għal djun li ma tbatihomx il-komunjoni tal-akkwisti, sew jekk id-dejn ikun sar qabel iż-żwieġ jew wara, jistgħu, meta dawk il-kredituri ma jkunux jistgħu jissodisfaw it-talba tagħhom kontra l-beni parafernali ta' dik il-parti, jinforzaw it-talba tagħhom in subsidium kontra l-beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti iżda biss sal-valur li dik il-parti jkollha mill-komunjoni tal-akkwisti.*

*"(2) Bla ħsara għall-jedd tal-parti miżżewġa lid-debitur li jitlob separazzjoni ġudizzjarja tal-beni, il-parti miżżewġa lid-debitur ma jkollhiex jedd topponi għal att li jinforza kreditu kontra xi beni tad-debitur jew tal-komunjoni tal-akkwisti ħlief meta l-beni li fuqhom tkun qed issir l-esekuzzjoni jkunu beni parafernali ta' dik il-parti miżżewġa lid-debitur.'*

14. F'dan il-każ ma setax jiġi determinat x'dejn hemm fuq il-komunjoni tal-akkwisti. Tant inqas allura ma ġie determinat min ikkontratta tali dejn u għandu jkun responsabbli jħallsu. Għalhekk, ma jistgħux jiġu applikati l-prinċipji li ssemmew fis-sentenza ta' din il-Qorti li għaliha għamel

referenza l-appellant fl-ismijiet ***Mark Theuma v. Emanuel u Jane konjuġi Vella*** (6 ta' Frar 2015), u l-ġurisprudenza l-oħra kollha li l-appellant għamel referenza għaliha.

15. Madanakollu, din il-Qorti tagħraf li l-appellant għandu raġun jilmenta li s-sentenza appellata tista' tagħti lok għal konsegwenzi nġusti meta:

i. Fir-raba' paragrafu tal-parti dispożittiva tas-sentenza ordnat li kwalsiasi dejn li l-partijiet setgħu għamlu separatament, għandu jkun ir-responsabbilta` taż-żewġ partijiet flimkien.

ii. Fis-sitt paragrafu tal-parti dispożittiva tas-sentenza ċaħdet is-sitt talba tal-attur li taqra, *"Teżenta lill-esponenti milli jkun responsabbli għal dejn li l-intimata għandha jew jista' jkollha"*.

16. Fit-tweġiba l-appellata argumentat li d-dejn li kien tal-kumpanija Phonic Limited jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Id-dejn ta' Phonic Limited hu tal-kumpanija. Semmiet ukoll is-sentenza **Bank of Valletta plc v. Phonic Limited et** (890/2010) tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Kawża li l-kontendenti ma kinux parti għaliha.

Għar-raġunijiet premessi l-Qorti qiegħda sa fejn kompatibbli ma' dak li ntqal hawn fuq tilqa' l-appell tal-attur Jean Pierre Gatt billi:

1. Tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn f'paragrafu erbgħa (4) tal-parti dispożittiva l-Qorti ddikjarat *"xolta l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet"*.

2. Tħassar il-kumplament tal-paragrafu erbgħa (4) tal-parti dispożittiva, u minflok tordna li kwalsiasi dejn ikkuntrattat jew garantit mill-partijiet flimkien jew separatament bejn il-21 ta' Settembru 2002 (data ta' żwieġ) sad-data meta spiċċat il-komunjoni tal-akkwisti, għandu jinqasam f'sehem ugwali bejn il-partijiet biss jekk hu dejn li kien imur fuq il-komunjoni tal-akkwisti.

3. Tħassar dik il-parti tas-sentenza li ċaħdet is-sitt talba tal-attur u minflok tilqa' *in parte* l-istess talba billi tiddikjara li l-attur mhuwiex responsabbli għal dejn li seta' sar biss mill-konvenuta u li mhuwiex dejn li kien jidħol fil-komunjoni tal-akkwisti.

4. Dan kollu ovvjament salv u impreġudikat kwalsiasi dritt li kull parti jista' għandha fil-konfront tal-parti l-oħra fir-rigward ta' dejn tal-kumpanija Phonic Limited C-35863 u li setgħet ħallset b'ġid parafernali tagħha.

5. Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjeż tal-appell huma a karigu tal-konvenuta.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm